**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta` Dicembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**SAVIOUR SEISUN**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Saviour Seisun**, iben Emanuel u Josephine nee` Abela imwieled fl-01/11/1970 u joqghod 74, Paradise, Triq Bieb is-Sultan, Zabbar, gie akkuzat talli fid-19/02/2012, ghall-habta tal-10:45hrs gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAH 501, inqast li tezercita l-kura u l-attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek b'sinjal meta kont sejjer tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura ohra.

2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' mutur nru. FCA 336 u involontarjament ikkagunajt hsara ghad-dannu ta' Guzeppi Cutajar.

3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Norbert Cutajar skond kif iccertifika Dr. Carlo Refalo M.D. mill-M.D.H.

4. Kif ukoll meta kont involut f'incident tat-traffiku mal-istess vettura inqast li tieqaf u meta kien mehtieg, inqast li taghti l-partikolaritajiet tieghek u d-dettalji tal-vettura li kont qed issuq kif mitlub mill-ligi, u jew inqast li tirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li int tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-30 ta` Jannar 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (*folio* 27);

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet u qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar id-19 ta` Frar 2012 ghall-habta ta` 10.45hrs, fl-inhawi tal-liwja li taghti lejn Ta` Qali mit-triq principali inti u tiela lejn ir-Rabat, ufficjalment maghrufa bhala Triq l-Imdina, Attard, sehh incident fejn fih wegga gravi certu Norbert Cutajar li allegatament, waqt li kien bil-mutur FCA 336, gie milqut minn vettura BAH 501 misjuqa mill-imputat Saviour Seisun. Saret investigazzjoni u a bazi ta` l-istess investigazzjoni, l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi, *inter alia*, ghall-imputazzjonijiet migjuba talli involontarjament, bi traskuragni, kkawza feriti gravi fuq l-imsemmi Norbert Cutajar, u hsarat f'mutur FCA 336 ghad-dannu ta` Guzeppi Cutajar.

**Ikkunsidrat**;

*DWAR IL-FERITI u L-HSARAT*

Il-prosekuzzjoni jidher li addebitat lill-imputat bid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 226(1)(b) u 216, u l-Artikolu 328, ilkoll tal-Kapitolu 9. Il-feriti gravi li garrab Norbert Cutajar jinkwadraw perfettament fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija. L-istess jista jinghad ghall-hsarat li garrab il-mutur FCA 336. Issir referenza hawnhekk ghad-dokumentazzjoni medika li tinsab *a folios* 3, 17, 21, 32, 49, 50, 51 ta` l-atti, ghal dak li jirigwarda l-feriti sofferti, u ghall-*folios* 56 u 57 ghal dak li jirrigwarda l-hsarat kagunati fil-mutur imsemmi. Issir referenza wkoll f'dan il-kuntest, ghad-depozizzjonijiet tal-medici Mr. Charles Grixti u Dr. Carlo Refalo li jinsabu rispettivament *a folios* 45 u 58 ta` l-atti.

Dawn gew ippruvati skond il-ligi.

*DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT*

Din il-Qorti inghatat zewg verzjonijiet, dik ta` Norbert Cutajar fuq naha wahda u fuq in-naha l-ohra dik ta` l-imputat.

Norbert Cutajar jixhed illi huwa kien bil-mutur sejjer direzzjoni lejn ir-Rabat. Jghid li kien hemm it-*traffic* u li ghax bil-mutur beda ghaddej minn ma genb il-karozzi, fuq in-naha tal-lemin taghhom. F'daqqa wahda jghid li hargitlu karozza, li la xeghelet l-*indicator* u ghamlet *U-turn*, jigifieri ried jidhol lejn Ta` Qali. Din il-vettura, li kienet qed tinstaq quddiemu/magenbu, kienet tat-tip skoda. Malli hargitlu, huwa ntlaqat u waqa bil-mutur. Waqt li kien bil-mutur fuq saqajh, beda jaghjat lix-xufier, li fil-fatt waqaf, hareg mill-karozza, izda rega dahal u saq. Norbert Cutajar jispjega li hu kien qed jaghmel *overtaking*.

L-imputat Saviour Seisun xehed *a folio* 73 *et seq*. In succinct, huwa jixhed li dakinhar kien mal-mara u kienu sejrin lejn Ta` Qali. Kien hemm hafna karozzi wara xulxin. Semgha u ra xi muturi telghin lejn ir-Rabat. Jghid li xeghel l-*indicator* biex idur lejn Ta` Qali u hawnhekk dahal go fih wiehed bil-mutur. Mill-mera seta jarah jaqa ma l-art. Ra wkoll lil Norbert Cutajar iqum mill-art u jghajjat li l-*indicator* ma kienx mixghul.

Dak il-hin sema xi nies jghajjtu "suq, suq", u hass li Norbert Cutajar seta kien ser isir xi ftit agressiv, u effettivament kompla jsuq biex jevita xi argument.

Ix-xhud Nicholas Baldacchino (Legal Support Manager fi hdan Transport Malta) jispjega, fost affarijiet ohra, illi fil-parti fejn allegatament sehh l-incident, ghalkemm ma joqghodux zewg vetturi f'karreggjata wahda (f'dan il-kaz il-karreggjata li taghti lejn ir-Rabat), vettura u mutur pero` joqghodu hdejn xulxin minghajr ma jintmiss id-*double white line*.

Xehedet ukoll mart l-imputat Mary Anne Seisun li kkorroborat l-verzjoni ta` zewgha l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Jidher car minn dawn il-verzjonijiet illi l-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti hija l-kwistjoni tar-responsabbilita`. Norbert Cutajar jattribwixxi r-responsabbilta` ta` dan l-incident lill-imputat li qabad u lewa minghajr ma xeghel l-indicator. Minn naha tieghu l-imputat jattribwixxi r-responsabbilta` ta` dan l-incident lil Norbert Cutajar li kien gej minn wara u ma zammx *a proper look out*, u lanqas osserva l-fatt li l-*indicator* kien mixghul.

Kif wiehed jista jara, f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi, almenu dwar partikular wiehed – cioe jekk l-*indicator* tal-vettura misjuqa mill-imputat kienx mixghul jew le.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat ( u in-numru ta` xhieda dwar fatt jew fatti ma ghandhux wahdu jinfluwenza lill-Qorti dwar il-veracita` ta` dak jew dawk il-fatti). Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tapprofondixxi aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, u dwar dan il-fatt partikolari – jekk inxteghelx l-*indicator* jew le - ghandha dubbju u dak id-dubbju ippersista. *In dubio pro reo*.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata skond il-ligi.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u indipendentement mid-dikjarazzjoni gia maghmulha minn din il-Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni, il-kwistjoni hija dwar ir-responsabbilta`. Fil-fehema ta` din il-Qorti il-kaz kien wiehed fejn ghandek serbut ta` karozzi wara xulxin, u mutur/muturi ghaddejjin bil-mod (propju ghax muturi u d-daqs taghhom jippermettu) mal-genb tal-vetturi. Indipendentement mill-fatt li l-mutur ta` Norbert Cutajar ma missx u lanqas qabez id-*double white line*, il-fatt krucjali jibqa li kien Norbert Cutajar li kien gej minn wara tal-vettura ta` l-imputat u kien Norbert Cutajar li kien qed jaghmel sorpass (haga li kellu kull dritt jaghmilha), anki jekk forsi kien qed isuq bil-mod.

Madanakollu, huwa stabbilit illi l-manuvra ta` sorpass hija manuvra mhux normali u effettivament meqjusa bhala wahda ta` eccezzjoni u allura kull min ikun qed jaghmel manuvra ta` sorpass jehtieg li juza kawtela liema bhala.

F'dan il-kuntest din il-Qorti ezaminat dettaljatament is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali numru 379/2006DS fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Maria Bezzina", deciza fis-6 ta` Lulju 2007, sentenza li ghaliha saret referenza minn naha tal-parte civile waqt is-sottomissjonijiet orali.

Din il-Qorti hi konvinta, sal-grad tal-probabbli, li l-imputat, meta qorob biex idur lejn Ta` Qali (u mhux hafna qabel kif ried jaghti l-impressjoni Norbert Cutajar), ghamel il-manuvra li seta jaghmel ossia jdur lejn Ta` Qali u konsegwentement kellu jkun Norbert Cutajar li joqghod hafna aktar attent meta gie biex jissorpassa vettura propju biswit il-liwja. Effettivament, fil-fehema ta` din il-Qorti, ma kienx prudenti ghal Norbert Cutajar li jaffettwa sorpass f'punt fejn ghandek liwja/dahla ghal go triq ohra. (**vide Appell Kriminali 92/2008 JGD "Il-Pulizija vs Justin Vassallo" deciza 31.07.2008).**

Fil-fehema ta` din il-Qorti, mehud kollox flimkien, u fil-qafas tal-ligijiet u regolamenti fil-kamp penali, l-imputat ma jistax jigi dikjarat hati skond il-ligi, ukoll tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet.

Ghal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni, minn dak li rrizulta mill-provi, anki jekk dan irrizulta b'mod marginali hafna, din il-Qorti hi tal-fehema illi fil-mument propizju, meta Norbert Cutajar intlaqat u beda jirreagixxi, l-imputat, x'aktarx iva milli le, seta hassu f'qaghda illi jekk kien ser jibqa fuq il-post, seta jigi mdahhal f'argument, li jista wkoll jipprecipita f'wiehed fiziku. Kullhadd jista jimmagina x'jista jigri waqt *road rage*. Din il-Qorti mhux qed tghid li dan kien kaz ta` *road rage*; anzi tghid li ma hemm xejn x'jista jindika hekk. Qed tghid biss, din il-Qorti, illi l-provi jikkonvincuha li l-imputat seta interpreta dak il-hin u dak il-mument bhala wiehed li ma kienx prudenti ghalieh li jibqa fuq il-post. U konsegwentement ghalhekk, bil-fatt li hu telaq minn fuq il-post, bl-ebda mod ma ried jahrab minn ghemilu. U wara, meta gie mitlub, hu ta minghajr ebda ezitazzjoni, l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji ta` l-incident. (**vide Appell Kriminali 92/2008 JGD "Il-Pulizija vs Justin Vassallo" deciza 31.07.2008).**

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL SAVIOUR SEISUN MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur